MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2004

Numru 16/2003

**Il-Pulizija**
(Spettur Dennis Theuma)
**vs**
**Clifford Camilleri**
**Ivin Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:-

Clifford Camilleri ta' 21 sena iben Lawrence w Magdalene nee' Farrugia imwieled Pieta' fit-18 ta' Novembru 1983 w residenti gewwa 10 'Hunters Valley' Triq is-Swatar Msida w bin-numru tal-karta ta' l-identita' 587083(M).

U

Ivin Mizzi ta’ 23 sena iben Michael w Emanuela nee’ Azzopardi imwieled Pieta’ fis-26 t’ April 1981 u residenti gewwa l-fond 64, ‘Nakita’, Triq Guze Ellul Mercer, Swatar limiti ta’ l-Msida u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 235281(M).

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Talli:-

Fil-Konfront ta’ Clifford Cammilleri wahdu , talli:-

a) F’dawn il-gzejjer fil-lejl ta’ bejn is-06 w is-07 ta’ Lulju 2002 gewwa B’Kara bil-hsieb li jaghmel delitt (specifikament serq ta’ par speakers tal-marka Kenwood minn gol vettura BBG 461 tal-Marka Daowoo ghad-detriment ta’ sid il-vettur); wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ l-imsemmi delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu liema delitt huwa aggravat bil-mezz, bil-hin w bix-xorta tal-haga misruqa. Dan kollu bi ksur t’ l-artikoli 263 (a), 270 w 271 rispettivament tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

b) W aktar talli fl-istess lok hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor specifikament wahda mill-quarter windows ta’ l-istess vettura BBG 461 liema hsara tammonta ghal-iktar minn ghaxar liri Maltin (LM10) izda inqas minn hamsin lira Maltin (LM50) w dan bi ksur ta’ l-artikoli 325 [1 (c) ] tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta

U fil- konfront ta’ Ivin Mizzi wahdu :-

a) Talli fl-istess lok, hin w cirkostanzi ta ordni lill Clifford Camilleri biex jaghmel delitt jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, weghediet, thedid, maniggi, jew ghemil qarrieqi, inkella ta istruzzjonijiet biex isir l-imsemmi delitt jew ta armi, ghodod jew mezzi ohra li gew uzati fl-eghmil tad-delitt meta kien jaf li kellhom hekkjigu jew b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assissta lill-Clifford Camilleri l-awtur tad-delitt imsemmi fl-atti li bihom id-delitt

gie ppreparat jew ikkunsmat a terminu ta’ l-artikoli 42 (a,b,c &d) rispettivament tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U Fil-konfront taz-zewg imputati Clifford Camilleri u Ivin Mizzi flimkien:-

Talli kissru il-kundizzjonijiet imposti fuqhom fit-terminu operattiv ta’ sentenza datata 05 ta’ Frar 2001, imposta fuqhom minn din il-Qorti diversament ppressjeduta fejn huma kienu gew misjuba hatja w gew ikkundannati taht sezzjoni 5 tal-Kapitlu 152 ghal perjodu ta’ tlitt snin.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzati ma oggezzjonawx li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li fis-seduta ta’ llum l-akkuzati ammettew l-akkuzi migjuba kontrihom u tennew wara li l-Qorti fissritielhom x’iggieb ammissjoni maghmula quddiem il-Qorti, u dan fil-prezenza tad-difensur taghhom.

Issibhom hatja.

Rat fil-konfront ta’ Clifford Camilleri l-artikoli 263 (a), 270 u 271 (g) tal-Kapitlu 9 kif wkoll l-artiklu 41 (1) (a) ta’ l-istess kapitolu u l-artikolu 325(1) (c) dejjem ta’ l-istess u tikkundannah mitejn lira Maltija (LM 200) multa li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur minn illum u jekk iried l-akkuzat, b’rata kull xahar.

Rat fil-konfront ta’ Ivin Mizzi l-artikoli 263 (a), 270, 271 (g), 325(1)(c), 41(1)(a) u 42 tal- Kapitolu 9 u tikkundannah mitejn lira Maltija (Lm 200) multa li ghandha tithallas fi zmien sitt xhur minn illum, u jekk irid l-akkuzat b’rati kull xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------